MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2004

Rikors Numru. 113/2004

**Fl-atti tal-Mandat ta' Qbid numru 126/04 fl-ismijiet:**

**Lawrence u Rita Azzopardi**

**vs.**

**Alfred u Marlene Debono**

**Il-Qorti.**

Rat ir-rikors;
Rat ir-risposta;
Rat l-atti kollha tar-rikors u d-dokumenti ezibiti;
Semghet ix-xhieda bil-gurament;
Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

## KONTESTAZZJONI

Illi r-rikorrenti qed jitolbu r-revoka ta' l-mandat fuq indikat a bazi ta' l-artikolu 836(1) (d) u (f) billi l-ammont mitlub ma hux prima facie gustifikat jew eccessiv u / jew mhux ragjonevoli fic-cirkostanzi li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu m'huwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli.

L-intimati wiegbu li t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda.

## FATTI

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-intimati hargu l-mandat de quo billi qed jippretendu li r-rikorrenti ghandhom jaghtuhom is-somma ta' Lm18,806.93 ghall-prodotti li huma kienu jbieghulhom. Permezz ta' dana l-mandat inqabdu tlett vetturi, fosthom zewg vanijiet li r-rikorrenti juzawhom ghax-xoghol taghhom. Ir-rikorrenti qed jissottomettu li l-ammont pretiz huwa eccessiv u li l-qbid tal-vetturi qed jirrekalhom pregudizzju billi dawn huma l-mezz ta' l-ghejxien taghhom u tal-familja.

L-intimati qed jikkontendu li huwa biz-zamma fis-sehh tal-mandat kawtelatorju li jistghu jigi assigurati li huma finalment jithallsu wara s-sentenza finali billi r-rikorrenti huma eluzivi fil-hlas tad-debitu taghhom.

## KONSIDERAZZJONIJIET

Illi mill-provi prodotti fil-kors tat-trattazzjoni ta' dana r-rikors jirrizulta li prima facie r-rikorrenti irnexxilhom jippruvaw li l-ammont mitlub ta' Lm18.806.93 huwa eccessiv u li mhux l-ammont kollu hu dovut. Infatti li *statement* preparat mill-intimati huwa inkorrett; ma tnaqqsux hlasijiet li effettivament saru; hemm xi hlasijiet li jistghu jkunu dovuti lill terzi u li dana li *statement* ma sarx minn persuna kwalifikata jew li kienet a konoxxenza ghall kollox tan-negozju li kien qed isir tul iz-zmien.

Kwantu ghall pregudizzju li r-rikorrenti qed isemmu minhabba l-qbid tal-vetturi, dan huwa ovvju u konsegwenza tal-qbid u elevazzjoni tat-tlett vetturi.

**DECIZJONI**

Fic-cirkostanzi l-Qorti hi tal-fehma li l-mandat ghandu jigi revokat parzjalment fis-sens li l-vetturi Ford Transit u Van Dodge jigu rilaxxjati favur ir-rikorrent, u l-mandat jibqa’ in vigore fuq il-vettura l-ohra Pegeuot 205 u dana stante li certu ammont hu dovut lill intimati u mhux l-ammont kollu pretiz.

Spejjez: kullhadd ihallas il-parti tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------